A.L. 11 ta' l-2000

ATT TA' L-1998 DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (ATT NRU. XXIII TA' L-1998)

Regolamenti ta' l-2000 li jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 75 ta' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-2000 li jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema Raba' Skeda qiegħda hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti tissejjaħ "l-Iskeda".

(2) Dawn ir-regolamenti jibdew iseħħu fl-1 ta' Frar, 2000.

Jemenda t-Taqsima Tlieta ta' l-Iskeda.

2. Fil-paragrafu (iii) tal-partita 1 tat-Taqsima Tlieta ta' l-Iskeda, minflok il-kliem "0510.00.10.00" għandhom jidħlu l-kliem "0510.00.00.10"; fil-paragrafu (vi) tal-partita 3 tagħha minflok il-kliem "u 3824.90.60.00" għandhom jidħlu l-kliem "3824.90.61.00; 3824.90.62.00 u 3824.90.64.00" u fil-paragrafu (ii) tal-partita 4 tagħha, minflok il-kliem "4907.00.91.00; 4907.00.99.00" għandhom jidħlu l-kliem "4907.00.90.00".